MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 933/2008

**Karen Gafa`**

**Vs**

**Darren Decelis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fil-25 ta` Novembru, tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lil attrici s-somma ta` €10,656 rapprezentanti valur ta` flus zborzjati mill-attrici ghal diversi oggetti mobbli li kienu nxtraw bejna u l-konvenut fiz-zmien meta kellhom relazzjoni flimkien kif jirrizulta ossia kif kellu jirrizulta minn lista immarkata bhala Dok. A u liema oggetti nxtraw bejn Ottubru, 2007 u Frar tas-sena 2008 u dana wara li r-relazzjoni ta` bejn l-kontendenti spiccat u l-konvenut zamm l-oggetti kollha ghalih u minkejja l-fatt li l-attrici talbitu diversi drabi rifuzzjoni ta` dawn l-istess ispejjez inkluz permezz ta` ittra ufficcjali

datata 29 ta` Ottubru, 2008 annessa ma` l-istess avviz bhala Dok. B, il-konvenut baqa` ma hallas xejn.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 13 ta` Jannar, 2009 fejn gie ecepit in linea preliminari li t-Tribunal ma kienx prezenti li jisma u jiddeciedi dan il-kaz *ratione valoris* ai termini ta` l-artikolu 3 ta` l-att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, liema artikolu jistabbilixxi l-kompetenza ta` dan l-istess Tribunal. Illi bla pregudizzju ghas-suespost t-talba attrici ghandha tigi meqjusa bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u r-riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi gie deciz minn dan it-Tribunal li l-ewwel kellu jinstema`, jigi trattat u jigi deciz l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut.

Sema` il-provi mressqa fuq din l-ewwel eccezzjoni preliminari li liema provi kienet limitata biss ghal xhieda ta` l-istess attrici.

Ra d-dokument ezebit mill-istess attrici li jikkontjeni lista ta` l-oggetti li allegatament kienu nxtraw fil-kors tar-relazzjoni li kellha ma` l-konvenut, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. KG1 u fejn inkluz ukoll l-ammont ta` kull oggett u l-ammont tal-flus illi qieghedha tippretendi lura l-istess attrici.

Sema` t-trattazzjoni maghmula mid-difensuri taz-zewg partijiet.

Ikkunsidra.

It-Tribunal qabel xejn jinnota illi ghalkemm fl-avviz hemm indikat u mnizzel illi kien hemm anness mieghu zewg dokumenti u cioe` l-lista` ta` l-oggetti Dok. A u l-ittra ufficcjali datata 29 ta` Ottubru, 2998 bhala Dok. B jinnota illi fil-fatt dawn id-dokumenti ma humiex inseriti f`dan il-process.

Din in-nota pero` d-dokument Dok. A li kellu jinkludi lista ta` l-oggetti fil-fatt gie nsegwitu ezebit seduta stante waqt

ix-xhieda ta` l-attrici, liema dokument eventwalment gie mmarkat bhala Dok. KG1.

Ghar-rigward l-eccezzjoni preliminari ta` nuqqas ta` kompetenza *ratione valoris*.

Sema` lid-difensur ta` l-attrici jargumenta illi l-Artikolu rilevanti u applikabbli ghal kaz in ezami kien dak ta` l-Artikolu 3, subartikolu 3B tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta` Malta peress illi jsostni illi t-talba ta` l-attrici fil-kaz in ezami qieghedha ssir ghal ragunijiet differenti u kwindi ghal finijiet ta` kompetenza wiehed ghandu jistabilixxi l-kompetenza billi jara` x`inhu l-akbar ammont fil-lista prezentata mill-attrici u jekk dak l-akbar ammont ma jaccedix l-kompetenza ta` dan it-Tribunal allura dan it-Tribunal ikun kompetenti jisma` l-kaz kollu fuq l-ammonti kollha hemm indikati u dan skond hemm indikat u spjegat fl-artikolu 3, subartikolu 3B.

Sema` lil konsulent legali tal-konvenut jargumenta illi dan l-artikolu cioe` 33B ma hux applikabbli ghal kaz in ezami peress illi t-talba ta` l-attrici tinsab dedotta u ragonata fuq raguni u fuq kawzala wahda principali u cioe` dik illi l-attrici qieghedha titlob is-sehem taghha tal-flus kollha li hija zborzjat waqt ir-relazzjoni li kellha ma` l-konvenut ghar-raguni illi din ir-relazzjoni issa giet itterminata.

It-Tribunal sema` wkoll l-attrici tixhed fejn spjegat illi l-oggetti kienu fil-fatt inxtraw f`diversi zminijiet tul il-kors tar-relazzjoni li hija kellha ma` l-konvenut pero` la darba l-konvenut ma hallashiex ta` dawn l-oggetti li hija kienet xtrat mieghu, hija qieghedha titlob lura l-hlas ta` l-istess u cioe` ta` sehemha mill-hlas ta` l-istess, kollox f`daqqa permezz ta` l-odjerna kawza.

It-Tribunal ukoll ha konjizzjoni ta` dak li jghid l-artikolu 3 subartikolu 3 subartikolu A fejn hemm hekk hemm spjegat illi ghal fini ta` kompetenza jekk l-attur jitlob il-hlas ta` diversi sommom bhala li ghandhom jinghataw lilu ghall-istess raguni, il-valur jigi ddeterminat mill-ammont totali tat-talbiet. Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa dan l-artikolu ossia dan is-subartikolu cioe` 3, subartikolu A li huwa

applikabbli ghal kaz in ezami u mhux l-artikolu 3, subartikolu 3B kif sollevat u trattat mid-difensur ta` l-attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u kwindi jichad it-talba ta` l-attrici f`dan is-sens bl-ispejjez ta` din l-istanza a karigu ta` l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------